# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 376/97

Paul Vella

vs

Direttur Generali tax-Xogholijiet Pubblici u Zvillupp u c-Chairman Public Service Commission li gie kjamat fir-rikors b' digriet tat-2 ta' Frar 1999 u l-Onorevoli Prim Ministru li gie kjamat fir-rikors b' digriet tal-20 ta' Mejju 1999.

Illum 23 ta' Jannar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn Mejju 1987 u Mejju 1995 ir-rikorrent sofra ingustizzji fl-impieg tieghu

mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fejn hadem ghal 43 sena.

Illi fil-1987 meta r-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' Supervisor kien infurmat qabel l-Elezzjoni tal-1987 li kien lehaq Works Technical Officer. Izda wara l-Elezzjoni din il-promozzjoni ma inghatatx lir-rikorrent u huwa baqa jokkupa l-post ta' Supervisor. Promozzjoni bhal din inghatat anki lil min kien diga gie 'boarded out'.

Illi ftit wara l-Elezzjoni tal-1987 ir-rikorrent kien gie ittrasferit mill-Workshop ghal store barra il-Workshop. B'dan it-trasferiment ir-rikorrent gie imcahhad il-possiblita' japplika biex isir Works Technical Officer ghaliex nies li kienu fil-Workshop setghu japplikaw ghal dak il-grad.

Illi li-Store li fih ir-rikorrent kellu jahdem kien fi stat hazin hafna ghaliex kellu s-saqaf qed jaqa' u fil-fatt bicca mis-saqaf waqghet fuq rasu u r-rikorrent kellu jittiehed l-isptar. Wara lir-rikorrent poggewh go kamra zghira bis-saqaf tal-pjanci li kienet forn fis-sajf u friza fix-xitwa.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji l-ilmenti ta' trattament ingust u cahda ta' promozzjoni li r-rikorrent garrab u li t-Tribunal jiddeciedi li jaghti rimedju xieraq billi jiddikajara li r-rikorrent ghandu jitqies li kien promoss ghall-grad ta' Works Technical Officer u li l-pensjoni

tieghu ghandha tithallas a bazi tal-paga ta' dak il-grad u li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens li t-Tribunal jiffissa ghat-telf kollu li r-rikorrent sofra.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi ir-rikorrent gie mpjegat bhala Learner Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-18 ta' Dicembru 1953. Hu lahaq il-grad ta' Labourer fl-10 ta' Jannar 1955. Fid-9 ta' Jannar 1981 hu lahaq il-grad ta' Supervisor. Permess tar-riforma li giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent gie assimilat bhala Supervisor fi Skala 14. Eventwalment ir-rikorrent irtira b'effett mid-9 ta' Frar 1997.

Fit-18 ta' Awissu 1986 kienet harget sejha numru 41/86 ghall-applikazzjonijiet ghal grad ta' Works Technical Officer. Ir-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Supervisor u ghaldaqstant kien eligibbli biex japplika. Hu nghata n-numru 345 bhala numru ta' referenza u rnexxielu jakkwista l-marka ta' 239 minn total ta' 400 b'rizultat li gie klassifikat fil-116 il-post.

Mid-dokumenti annessi jirrizulta li mit-total ta' 140 li gew ikkonsidrati li ghaddew mill-interview, fil-files relatati ma jirrizultax ghal liema raguni gew mahtura 109 mit-total ta' 140 rakkomandati mid-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici skond l-ittra

datata 9 ta' Frar 1987 indirizzata lill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku.

Dan peress illi d-decizjoni li jigu appuntati 109 u mhux 140 kif ried id-Dipartiment ittiehet mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita' ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent is-Sur Paul Vella, qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-promozzjoni ghal Works Technical Officer. Il-Kumissjoni qed tirreleva dan ghall-fini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

3. Illi minghajr pregudizzju jinghad li, fit-18 t'Awwissu 1986 kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet (Cirkulari ta' l-OPM

Nru 41/86) ghall-mili ta' postijiet ta' Works Technical Officer fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Ir-rikorrent kien wiehed minn fost 390 persuna li applikaw.

4. Illi mir-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla jidher li r-rikorrent gie fil-116 il-post b'total ta' 239 marka minn massimu ta' 400 marka. Min din l-intervista ghaddew mija u erbghin kandidat u kollha gew irrakkomandati mid-Direttur tax-Xogholijiet.

5. Illi wara li saru diskussjonijiet ma' l-Amministrazzjoni sabiex jigi stabbilit in-numru ta' vakanzi fil-grad ta' Works Technicial Officer (u gradi teknici ohra) il-Kummissjoni ghamlet rakkomandazzjoni biex jimtlew disgha u sebghin post. Din ir-rakkomandazzjoni saret fid-9 t'April 1987 u l-Prim Ministru ffirmha fil-15 t'April 1987. Fil-5 ta' Mejju 1987 il-Kummissjoni rceviet ittra mis-Segretarju Amministrattiv fl-Ufficju tal-Prim Ministru fejn informa li n-numru ta' vakanzi gie rivedut u li gie stabbilit li jimtlewn wiehed u hamsin post IEHOR. Fil-fatt il-Kummissjoni rrakkomandat fis-7 ta' Mejju 1987 li jsiru 51 kandidat iehor skond l-ordni tal-mertu. Is-Sur Paul Vella kien wiehed minn fost dawk li gew rakkomandati.

6. Illi jirrizulta li minn dan il-grupp ta' 52 kandidat rrakkomandat mill-Kummissjoni, il-Prim Ministru fit-8 ta' Mejju 1987 approva biss il-hatra ta' l-ewwel 30. Ir-rikorrent kien in-numru 37.

7. Illi l-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors. Il-General Manager is-Sur Barbara kien ferahlu ghax kien lehaq Works Technical Officer u li minn dik il-gurnata kien sejjer jiehu hsieb il-passes tan-nies. Semma li t-Tnejn wara l-elezzjoni xi haddiema fosthom r-rikorrent gew maqlugha barra u dahlu minflokhom erba' godda u wara ftit taz-zmien dawn saru WTO's. Dawn kienu George Debono, Ganni Bonnello, Mario Camilleri, u r-raba' wiehed ma ftakarx ismu. Imbaghad lilu tefghuh f'kamra u qalulu biex jibda jigbor it-time sheet tal-haddiema. Accettajt u mar f'din il-kamra li kienet nofsha qeghda taqa'. Fil-fatt kienet waqghet bicca mis-saqaf li giet fuq rasu w kellhom anki jehduh l-isptar.  Peress li lir-rikorrent tefghuh fl-store tilef il-possibilta' li japplika ghall-Works Technical Officer.  Ir-raguni kienet li l-stores ma kellhomx bzonn ta' WTO. Ilmenta ukoll li saru numru ta' WTO's qabel l-gheluq tas-sena minn mindu kienu ghamlu l-ezami.

Anglu Fenech xehed li r-rikorrent kien delegat tal-General Workers Union. Semma li kienu hargu rakkomandazzjoni minn naha tal-Union dwar ir-rikorrent u ohrajn u jidher li kienet intlaqghet. Zied li kienu ccekkjaw mal-Personnel Section u kienu qalulhom li ser jinghataw il-promozzjoni. Meta ma nghatax il-promozzjoni kien reggha cempel lill-Personnel Section u qalulu li kienet ser tohrog bunch ohra u huwa se jinghata l-promozzjoni mal-bunch li jmiss pero' kien rega' ma nghatax il-promozzjoni. Kien tkellem ma' xi hadd mill-Private Secretary tal-Ministru li kien inkarigat mill-Personnel Section,

Joseph Saccasan li kien jahdem il-Public Works u irtira fl-1987 xehed li ha l-promozzjoni ghal habta ta' l-1987, pero' mbaghad gie boarded out.

Ronnie Pellegrini xehed li ghall-habta ta' l-1987 kien tkellem mal-Ministru tal-Public Works ta' dak iz-zmien Lorry Sant li kien qallu li r-rikorrent kien ha l-promozzjoni u kien qallu biex jirreferi dan lir-rikorrent.

Paul Scicluna rapprezentant tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-risposta tad-Dipartiment. Semma li Sacassan rtira fil-grad ta' chargehand u mhux ta' WTO. Gew irrakomandati mid-Dipartiment biex isiru WTO 140 ruh hekk kif jidher Dok 6 esebit a fol 35 tal-process. Skond l-ittra ta' l-20 ta' April 1987 li hi esebita a fol 36 tal-process jinghad li l-PSC approvat li jigu mahtura 79 applikant.

Fl-ittra tat-8 ta' Mejju 1987 esebita a fol 38 tal-process jidher li gew approvati 30 ohra. Dan jammonta ghat-total ta' 109.

Norman Worley rapprezentant tal-Public Service Commission xehed li: "Il-procedura dak iz-zmien kienet li d-Dipartiment jitlob n-numru li jkollu bzonn, jirreferih lilna, imbaghad ahna nirreferu lill-MPO u ahna nimxu taht id-direttiva u d-decizjoni tal-MPO, mhux ta' kemm ikun talab id-Dipartiment. Din hija l-procedura ta' dak iz-zmien. Il-Kummissjoni ma tidholx fil-mertu li taghzel in-numru. Il-Kummissjoni tohrog biss ir-rakkomandazzjoni. Il-PSC timxi fuq il-verifika tal-Prim Ministru. La ahna rrakomandajna 79 ifisser li l-OPM fl-ufficcju tal-Prim Ministru kienu tawna l-approvazzjoni ghal 79. Mhijiex funzjoni tal-PSC li tiddeciedi n-numru ta' nies li jigu mpjegati. Fl-ewwel grupp gew rakkomandati 79, fit-tieni grupp gew rakkomandati 51, izda l-OPM hareg approvazzjoni ghal 30. Ir-rikorrent Paul Vella kien inkluz f'dak il-51. Skond l-order of merit gie wara n-numru 30. Ir-rakomandazzjoni li jsiru 79 harget minghand il-Kummissjoni bid-data tad-9 ta' April u giet approvata mil-Prim Ministru fil-15 ta' April. Fil-kaz ta' 51 harget minghand il-Kummissjoni fis-7 ta' Mejju u giet iffirmata mil-Prim Ministru fit-8 ta' Mejju.

Huwa normali li l-effective date tkun id-data li fiha jiffirma l-Prim Ministru. F'dan il-kaz kienu dawn id-dati li ghadni kif semmejt. F'tad-79 fil-15 ta' April, tal-51 fit-8 ta' Mejju, ir-rizultat hu validu ghal sena, u dan jibda jghodd minn meta r-rizultat jigi ppublikat…Originarjament kien mitlub mill-ufficcju

tal-Prim Ministru n-numru ta' 51." Ikkonferma li kien hemm rakkomandazzjoni ta' 51 persuna li minnhom gew appuntati l-ewwel 30. Il-Prim Ministru kien approva biss li jigu appuntati 30 minn dawk il-51.

Vincent Piccinino rapprezentant ta' l-O.P.M. ikkonferma li kien hemm rakkomandazzjoni ghal 79 u dahlu kollha. Imbaghad kien hemm rakkomandazzjoni ohra ghal 51 mill-Public Service Commission li minn dawn dahlu biss 30. L-ewwel 30 biss minn dawn il-51 hadu l-hatra.

Ikkunsidra

Illi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Public Service Commission u cioe' li fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni u li ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998:

"Illi l-intimat qieghed isostni li l-applikazzjonijiet gew processati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u ghalhekk id-Dipartiment tas-Sahha ma kellu ebda prerogattiva. Sostna li d-dokumenti kollha ma humiex sindakabbli a tenur ta' l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Sostna li ebda Qorti ma tista' tezamina l-procedura

li intuzghat sabiex inghatat tali promozzjoni. Ikkwota l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi:

Il-kwistjoni jekk -

(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni;

(b) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, ufficjal pubbliku jew awtorita' bis-sahha tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew

(c) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bhal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,

ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda Qorti.

Sostna li d-Dipartiment tas-Sahha ma jiehu l-ebda decizzjoni rigward hatriet jew promozzjonijiet fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha. Kull ma jaghmel hu li jfassal is-sejha ghall-applikazzjonijiet [li trid tigi approvata Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku], jirrakkomanda nies sabiex jkunu jaghmlu parti mill-Bord ta' l-Ghazla liema decizzjonijiet jistghu jigu varjati mill-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal certament jaqbel u hu obbligat isegwi dak li jghid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija “sacra” u certament ma tista’ ebda Qorti tmur kontra taghha. Izda ir-ragunar ta’ l-intimat mhux koerenti ma’ l-Att VIII tal-1997. Fl-artikolu 2 ta’ l-Att il-ligi taghti definizzjoni ta’ “persuna aggravata”. L-artikolu 6 jitkellem dwar is-setghat tat-Tribunal u jghid hekk:

6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-rimedju lit-Tribunal. Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u promozzjonijiet. Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista' titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita' ohra tal-Gvern. L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma insibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal. Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta' hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku. Li kieku l-legislatur ried hekk kien jghid dan - "Ubi lex voluit, dixit". Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta' impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b'ebda mod jezamina jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt

jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibaghti ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti ukoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe':

(3) (a) Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Fl-Ewwel Skeda - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li taghmel referenza ghat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni ghall-implimentazzjoni tad-decizzjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Importanti wkoll hi li l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li:

"Is-setgha li jaghmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li ghalihom dan l-artikolu jghodd tkun fil-Prim Ministru li

jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:"

Il-fatt li rikors jigi iswtitwit kontra kap ta' Dipartiment u f'dan il-kaz kontra it-Tabib Principali tal-Gvern mhux necesarjament tirrifletti b'mod ikrah fuqu jekk stess it-tribunal jaqbel mat-talba. Il-proceduri jigu istitwiti kontra tieghu a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi li l-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Jista' jkun li veru dik l-ingustizzja tkun saret minn dak il-Kap, pero' facli li din ma tkunx saret minnu personalment izda minn predecessur tieghu, minn xi Bord ta' Ghazla, minn xi Ministru, minn xi subalterni tieghu, jew rizultat ta' cirkostanzi eccezzjonali li fil-konfront ta' individwu partikolari jistghu jammontaw ghal ingustizzja."

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat.

L-eccezzjonijiet l-ohra jirrigwardaw il-meritu. Dwar il-parti ta' l-ilment tar-rikorrent dwar in-nuqqas tal-promozzjoni rrizulta li in segwitu tac-Cirkolari OPM 41/86 ghal post ta'"Works Technical Officer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet applikaw 390 persuna u mir-rapport tal-Bord tal-Ghazla ir-rikorrent ikklassifika fil-116 post [meta ghaddew 140]. Meta gie ezaminat in-numru ta' vakanzi l-Kummissjoni irrakkomandat 79 post liema rakkomandazzjoni giet iffirmata mill-Prim Ministru fil-15

ta' April, 1987. Fil-5 ta' Mejju 1987 in-numru ta' vakanzi gie rivedut b'mod li kellhom isiru 51 ohra, u l-Kummissjoni fis-7 ta' Mejju, 1987 irrakkomandat 51 iehor skond l-ordni tal-mertu [fosthom ir-rikorrent]. Izda fit-8 ta' Mejju, 1987 il-Prim Ministru approva biss l-ewwel 30 waqt li r-rikorrent kien 37 u b'hekk baqa' barra.

Minn dan kollu jidher li d-decizzjoni dwar r-rikorrent ittiehdet fit-8 ta' Mejju, 1987. Issa skond l-Att VIII tal-1997 fl-artikolu 5 (4) jghid:

"Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju, 1987 jew wara l-15 ta' Mejju, 1995."

Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent dwar il-promozzjoni jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal "ratione temporis".

Izda r-rikorrent ilmenta wkoll mit-transfer li qalgha u li kawza tieghu baghta f'kamra li ma setghax jahdem fiha. Darba anke spicca l-isptar minhabba li waqghet fuqu bicca mis-saqaf. Kien ibaghti mill-kesha u shana skond it-temp. Dan kollu ma gie b'ebda mod kontradett mill-intimati. Hawn isib l-ilment tar-rikorrent gustifikat u f'dan ir-rigward jichad l-eccezzjoni tal-intimat. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat dwar it-transfer u l-konsegwenzi tieghu, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.